**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru 2016**

**Talba Nru: 78/16 CZ**

**Perit Arkitett Robert Musumeci**
**(ID 29674 (M)**

**vs**

**Emmanuel Camilleri**
**(ID 20768 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Marzu 2016 fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' elfejn, erba' mija w ghoxrin Euro u disgha w tletin centezmu (€2,420.39) rapprezentanti drittijiet

professjonali dovuti lilu inkluz spejjez amministrattivi, skond l-invoices esebiti u mmarkati Dok. A sa J rispettivament, in konnessjoni ma' xoghlijiet li saru fuq sit gewwa Triq La Vallette, il-Birgu, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut; bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 2 ta' Dicembru 2015 li saret ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru prezentat fl-ismijiet premessi.

Il-konvenut ipprezenta risposta fejn ecepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn qal ukoll illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba fil-konfront ta' l-esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi t-Tribunal ra illi permezz ta' digriet tal-21 ta' Gunju 2016, il-provi f'din il-kawza gew invertiti in vista ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi jirrizulta lit-Tribunal, li ghall-fini biss ta' l-ewwel eccezzjoni, irrizulta s-segwenti:

Illi l-attur bhala perit kien ghamel xi xoghol ghall-konvenut, li t-Tribunal f'dan l-istadju mhux ha jidhol fil-mertu tieghu. Illi ghal dan ix-xoghol l-attur talab il-hlas, fost ohrajn permezz ta' ittra ufficcjali tat-2 ta' Dicembru 2015 (li ma jidhirx li giet notifikata), u kif ukoll permezz ta' diversi telefonati li kienet taghmel Roberta Caruana, l-assistenta ta' l-attur, lill-konvenut, sabiex ihallas. Dan wassal sabiex f'Mejju 2015 kien hemm laqgha li ghaliha kienu prezenti l-partijiet, l-istess xhud Roberta Caruana, certa mara li isimha s'issa mhux maghruf, u tarbija.

Illi jirrizulta illi l-konvenut, meta nghata l-gurament, iddikjara li ma ghandu jaghti xejn[1]. Min-naha l-ohra ix-xhud Roberta Caruana indikat illi f'Mejju 2015 kienet saret laqgha fl-ufficcju ta' l-attur, fejn il-konvent qal li 'kien dispost li jibda jhallas', u fil-fatt

[1] Fol. 41

kien qal illi se jitkellem ma' sid il-post fejn saret l-applikazzjoni biex hu jigbor il-flus minghandu. F'din il-laqgha l-partijiet kienu baqghu illi l-konvenut kien se jmur lura bl-ewwel pagament;

Illi t-Tribunal ra wkoll illi din il-kawza thalliet ghall-udjenza tal-lum sabiex tinghata decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, u dan wara li tressqu l-provi dwar din l-eccezzjoni u saret trattazzjoni bil-fomm fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2016.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:
>
> a) …
>
> b) …
>
> c) L-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

Illi Artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi wkoll illi:

> Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.

Illi meta tigi lilu opposta xi preskrizzjoni qasira ta' din ix-xorta, il-pozizzjoni ta' l-attur hija fis-sens illi kif tigi opposta dik il-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew billi juri illi ghal xi motiv legali, dik il-preskrizzjoni

mhijiex ammissibbli, jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha.[2] Inghad ukoll illi r-rikonoxximent da parti tad-debitur jista' jkun kemm espress kif ukoll tacitu.[3]

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Stencil Pave (Malta) Limited Vs Kunsill Lokali Naxxar*[4] fejn intqal illi:

> Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq.

Illi l-konvenut f'dan il-kaz ma gab propju l-ebda prova dwar l-ewwel eccezzjoni, hlief dik bil-kontro-ezami tax-xhud Roberta Caruana. Min-naha l-ohra, it-Tribunal xorta mistenni jindaga jekk l-attur gabx il-prova mehtiega biex juri illi l-preskrizzjoni msemmija ma tghoddx ghall-kaz ta' bejn il-partijiet.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet: *Luciano Martinelli noe. vs. Saviour Pisani*[5], fejn intqal:

> Skond certu orjentament gurisprudenzjali "l-vera posizzjoni, f' kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b' xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilita`, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni …" (Kollez. Vol. XXXVII P II p 621); Invece, skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-

[2] Carmelo Cauchi vs. Joseph Camilleri – Prim'Awla tal-Qorti Civili *per* Onor. Imhallef J. Caruana Colombo – 14 ta' Gunju 1955
[3] Ibid.
[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili – *per* Onor. Imhallef Joseph R. Micallef – 30 t'Ottubru 2003.
[5] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 22 ta' Gunju 2005.

triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni" – "Josianne Sciberras –vs- Giovanni Vella et", Appell, 21 ta' Frar 1996; "Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti", Appell, 25 ta' Frar 2000;

Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi"; Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali;

Illi ntqal ukoll, fis-sentenza *Joseph Abela vs. Francis Cassar et noe.*[6] illi:

Mhix korretta s-sottomissjoni illi perjodu preskrittiv li jkun skada ma jistax jigi interrott wara tali skadenza. L-istat tad-dritt hu proprju kontra. Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gja' kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghallistess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid" (Vol. XLVIIII.iii.1428). Gie wkoll ritenut illi "rrinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur" (Gargani vs Sant, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873). Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittiv ikun gja' iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perjodu preskrittiv gja' akkwistat. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkunu tista' tghid l-istess (Vol. XXXVIII.i.544)

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet *Raymond Camilleri noe. vs. Anthony Scicluna noe.*[7] illi:

[6] Qorti ta' l-Appell – 14 ta' Jannar 2002
[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 28 ta' Jannar 2004

…..r-rikonjizzjoni tad-debitu tista' tkun prezunta jew indiretta dedotta minn fatt konkludenti, inkompatibbli mal-volonta` tal-kontestazzjoni tad-dritt tal-kreditur (Pugliese, "Prescrizione Acquisitiva" para. 277). Dippju' lanqas ma hu mehtieg li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantita` kollha dovuta (Fadda, "Gurisprudenza Kod. Civ. Ital. Art. 2129 para. 46) u tista' tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu bhal fil-kaz li d-debitur jipprometti li jhallas jekk id-dejn tieghu jigi pruvat. Ara Kollezz. Vol. XXVI P II p 13; Vol. XLV P II p 632; "Victor Calleja nomine –vs-Nazzareno Vassallo et nomine", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet *Martin Mizzi vs. Joseph Camilleri*[8], il-Qorti tat xi ezempji ta' sitwazzjonijiet fejn ir-rikonoxximent tad-debitu ma jekwivalix ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. Fil-fatt inghad is-segwenti:

(1) Gja fis-sentenza fuq citata a Vol XXV pII p184 kien inghad illi l-abbandun tad-dritt akkwizit "non si potrebbe desumere da profferte conciliative o da trattive … …"

(2) "L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (Kollez. Vol XXXIV pI p326).

(3) "In-negozjati jew trattivi li jsiru bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekors taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwestjoni ma jistghax ikollhom effikacja interruttiva … …" (Kollez Vol XXXVIII pIII p723).

(4) "Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju" – "Giovanna Mifsud noe et -vs- Rosaria Felice Gay", Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1972; "Silvio Frendo et -vs- Andrew Faenza", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Gunju 2000).

Illi ghandu jinghad pero' illi l-konvenut fil-kaz in kwestjoni ma ammettiex id-debitu biss per via ta' trattattivi jew negozjati ta' jekk ghandux jithallas jew le, jew kemm minnu ghandu jithallas, izda semplicement qal li 'dispost li jibda jhallas'. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li l-agir tal-konvenut jaqa' taht xi wahda mill-eskluzjonijiet elenkati hawn fuq.

[8] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 t'Ottubru 2004

Illi s-sentenza fl-ismijiet *Carmelo Abdilla et vs. Frances Gloria Crockford et*[9], il-Qorti spjegat b'mod car x'jikkostitwixxi rinunzja ghall-preskrizzjoni, u dan bil-mod li gej:

> Fil-fehma tal-Qorti, rinunzja tacita trid tirrizulta b'mod car u inekwivoku, u jrid ikun jidher mill-fatti li jitressqu li hekk tassew ried dak li allegatament irrinunzja. Trattativi mizmuma pendente lite intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju u l-kontenut ta' dawk it-trattativi, sakemm ma jkunux wasslu ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens talkontro-parti, u mhux ammissibbli bhala prova. Min-naha l-ohra jista' jkun hemm interruzzjoni jew billi l-attur jipprova dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest ssir referenza ghas-sitwazzjonijiet previsti mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili.
>
> Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-imsemmi Artikolu 2133 tal-Kap. 16 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt, per ezempju, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts; Jigi, inoltre, rilevat illi kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti, dawn, li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att. Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandha l-kompitu li tiddeciedi "iuxta allegata et probata".

Illi t-Tribuna huwa tal-fehma illi l-konvenut, meta qal li kien dispost li jibda jhallas, wera li kien qed jirrinunzja ghall-preskrizzjoni, irrilevantement minn kemm ghadda zmien minn dakinhar li sar ix-xoghol. Il-perjodu li gie stabbilit ghal din ir-rinunzja huwa f'Mejju ta' l-2015. Il-kawza mbaghad giet prezentata fit-8 ta' Marzu 2016, li huwa inqas minn sentejn wara d-data tal-laqgha li saret bejn il-partijiet.

---
[9] Qorti ta' l-Appell – 26 ta' Gunju 2009.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

<Sentenza in parte>